32006R1278

L 233/6 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 26.8.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1278/2006

tal-25 ta' Awwissu 2006

dwar miżura partikolari ta' intervent għall-ħafur fil-Finlandja u l-Iżvezja għas-sena tas-suq 2006-2007

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali[1], u partikolarment l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) Il-ħafur huwa fost dawk il-prodotti li huma koperti mill-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taċ-ċereali. Madankollu, ma jagħmilx parti miċ-ċereali ta' bażi msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 li għalihom huwa previst xiri ta' intervent.

(2) Il-ħafur huwa prodott importanti u tradizzjonali fil-Finlandja u l-Iżvezja, li jadatta ruħu sew għall-kundizzjonijiet klimatiċi ta' hemmhekk. Din il-produzzjoni taqbeż sew il-ħtiġijiet ta' dawn il-pajjiżi, tant hu hekk li kienu obbligati jbigħu ż-żejjed lill-pajjiżi terzi. L-adeżjoni mal-Komunità ma biddlitx is-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel.

(3) Tnaqqis eventwali tat-tkabbir tal-ħafur fil-Finlandja u l-Iżvezja jsir għall-vantaġġ ta' ċereali oħrajn li jibbenefikaw mill-intervent, u b'mod partikolari l-qamħirrum. Is-sitwazzjoni tal-qamħirrum hija kkaratterizzata minn produzzjoni żejda sew f'dawn iż-żewġ pajjiżi kif ukoll fil-Komunità kollha kemm hi. Trasferiment tat-tkabbir minn dak tal-ħafur għal dak tal-qamħirrum jista' biss jiggrava din is-sitwazzjoni ta' produzzjoni żejda. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi assigurat li l-ħafur jista' jkompli jiġi esportat lejn il-pajjiżi terzi.

(4) Il-ħafur jista' jkun soġġett għal ħlas lura kif stipulat fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003. Is-sitwazzjoni ġeografika tal-Finlandja u ta' l-Iżvezja tqiegħed dawn il-pajjiżi f'qagħda inqas favorevoli għall-esportazzjoni minn dik ta' Stati Membri

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1154/2005 (ĠU L 187, 19.7.2005, p. 11).

oħra. L-istipular ta' ħlas lura abbażi ta' l-Artikolu 13 imsemmi fuq igawdu minnu l-esportazzjonijiet minn dawn l-Istati l-oħra. Huwa previst li l-produzzjoni tal-ħafur fil-Finlandja u l-Iżvezja kull ma jmur se tiġi sostitwita minn dik tal-qamħirrum. Wieħed għandu għalhekk jistenna, għall-kampanji li jmiss, malli jkun hemm l-intervent tal-Finlandja u l-Iżvezja skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003, kwantitajiet kbar ta' qamħirrum li l-unika possibbiltà tagħhom li jinbigħu hija bl-esportazzjoni lejn il-pajjiżi terzi. Dawn l-esportazzjonijiet mill-istokkijiet ta' l-intervent iqumu aktar lill-baġit Komunitarju milli l-esportazzjonijiet diretti.

(5) Miżura partikolari ta' intervent skond it-tifsira ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 tippermetti li jiġu evitati spejjeż addizjonali. Dan l-intervent jista' jieħu l-forma ta' miżura maħsuba biex tħaffef is-suq tal-ħafur fil-Finlandja u l-Iżvezja. L-għoti ta' rifużjoni abbażi ta' sejħa għall-offerti, applikabbli biss għall-ħafur prodott u esportat minn dawn iż-żewġ pajjiżi, jikkostitwixxi l-miżura l-aktar xierqa f'dan il-kuntest.

(6) In-natura u l-għanijiet tal-miżura msemmija jagħmlu xierqa l-applikazzjoni, *mutatis mutandis*, ta' l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1784/2003 kif ukoll tar-Regolamenti tad-29 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 dwar l-għotja ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' ċereali u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' disturb fis-suq taċ-ċereali[2].

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 1501/95 jipprevedi, fost l-impenji ta' l-appaltatur, l-obbligu li jiġu ppreżentati talba għal liċenzja ta' l-esportazzjoni u garanzija. Għandu jiġi ffissat l-ammont tal-garanzija.

(8) Iċ-ċerali in kwistjoni jridu jiġu effettivament esportati mill-Istati Membri li għalihom hemm fis-seħħ miżura ta' intervent partikolari. Jeħtieġ għalhekk li jiġi limitat l-użu tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni, minn naħa, għall-esportazzjonijiet mill-Istat Membru li fih intalbet liċenzja, u min-naħa l-oħra, għall-ħafur prodott fil-Finlandja u l-Iżvezja.

(9) Jekk jitqies il-mod kif tiġi kkalkulata r-rifużjoni, ibbażat fuq prezzijiet tas-suq skond destinazzjonijiet mbiegħda, jeħtieġ li jiġu esklużi d-destinazzjonijiet fil-qrib, li huma l-Iżvizzera u n-Norveġja, li għalihom dawn il-miżuri ma jidhrux ġustifikati fid-dawl ta' spejjeż ta' trasport relattivament baxxi inerenti għall-qrubija tagħhom jew mogħdijiet ta' komunikazzjoni disponibbli lejn dawn id-destinazzjonijiet.

(10) Sabiex jiġi assigurat trattament indaqs għall-partijiet interessati kollha, jeħtieġ li jiġi pprovdut li t-tul tal-validità tal-liċenzji maħruġa jkun identiku.

(11) Sabiex proċess ta' appalt fil-kuntest ta' l-esportazzjoni jimxi tajjeb, għandha tkun prevista kwantità minima, kif ukoll skadenza u l-forma ta' kif għandhom jiġu trażmezzi l-offerti ppreżentati lill-entitajiet kompetenti.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-Ċereali,

---

[2] ĠU L 147, 30.6.1995, p. 7. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 777/2004 (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 50).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Miżura partikolari ta' intervent, fil-forma ta' rifużjoni għall-esportazzjoni, hija applikata għal 100 000 tunnellata ta' ħafur prodotti fil-Finlandja u fl-Iżvezja u maħsuba għall-esportazzjoni mill-Finlandja u l-Iżvezja lejn il-pajjiżi terzi kollha, għajr in-Norveġja u l-Iżvizzera.

   L-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003, kif ukoll id-dispożizzjonijiet applikabbli b'dan l-Artikolu, japplikaw *mutatis mutandis* għar-rifużjoni msemmija.

2. Il-korpi ta' intervent Finlandiżi u Żvediżi huma inkarigati mill-implimentazzjoni tal-miżura pprovduta fil-paragrafu 1.

Artikolu 2

1. Sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tar-rifużjoni pprovdut fl-Artikolu 1(1), għandu jkun hemm sejħa għall-offerti.

2. Is-sejħa għall-offerti tissejjes fuq il-kwantitajiet tal-ħafur imsemmija fl-Artikolu 1(1), biex jiġu esportati lejn il-pajjiżi terzi, għajr in-Norveġja u l-Iżvizzera.

3. Is-sejħa għall-offerti hija miftuħa sas-26 ta' Ġunju 2008. Tul dan iż-żmien, ikun hemm sejħiet kull ġimgħa li għalihom id-dati tal-preżentazzjoni ta' l-offerti huma ddeterminati fl-avviż tas-sejħa.

   B'deroga mill-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 1501/95, l-iskadenza għall-preżentazzjoni ta' l-offerti għall-ewwel sejħa parzjali hija t-13 ta' Settembru 2007.

4. L-offerti għandhom jiġu ppreżentati lill-korpi ta' intervent Finlandiżi jew Żvediżi, fl-indirizzi indikati fl-avviż tas-sejħa.

5. Is-sejħa għandha sseħħ skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament kif ukoll dawk tar-Regolament (KE) Nru 1501/95.

Artikolu 1

Offerta ma tkunx valida jekk:

a) ma tkunx għal ammont ta' anqas minn 1 000 tunnellata;

b) ma tkunx akkumpanjata minn impenn bil-miktub ta' min qed jippreżentaha li jispeċifika li din tirreferi esklussivament għall-ħafur prodott fil-Finlandja jew fl-Iżvezja u li se jiġi esportat mill-Finlandja jew l-Iżvezja.

Jekk l-impenn imsemmi fil-punt b) ma jiġix osservat, il-garanzija msemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2003[3], ħlief f'każ ta' forza maġġuri.

Artikolu 4

Fil-qafas tas-sejħa pprovduta fl-Artikolu 2, it-talba u ċ-ċertifikat ta' esportazzjoni għandu jkollhom, fil-każ 20, waħda minn dawn id-diċituri li ġejjin:

– bil-Finlandiż: Asetus (EY) N:o 2006/1278 — Todistus on voimassa ainoastaan Suomessa ja Ruotsissa,

– bl-Iżvediż: Förordning (EG) nr 2006/1278 — Licensen giltig endast i Finland och Sverige.

Artikolu 5

Ir-rifużjoni ma tiswiex ħlief għall-esportazzjonijiet li jsiru mill-Finlandja u mill-Iżvezja.

Artikolu 6

Il-garanzija msemmija fl-Artikolu 5(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1501/95 għandu jkun ta' 12 EUR għal kull tunnellata.

Artikolu 7

1. B'deroga mill-Artikolu 23(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2002[4], il-liċenzji ta' l-esportazzjoni maħruġa skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1501/95 huma, għall-iffissar tat-tul tal-validità tagħhom, meqjusa bħala maħruġa dakinhar li tintefa' l-offerta.

2. Il-liċenzji ta' l-esportazzjoni maħruġa fil-qafas tas-sejħa pprovduta fl-Artikolu 2 jiswew mid-data tal-ħruġ tagħhom skond it-tifsira tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara.

3. B'deroga mill-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, il-liċenzji ta' l-esportazzjoni maħruġa fil-qafas ta' l-offerta pprovduta fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament ma jiswewx ħlief fil-Finlandja u l-Iżvezja.

Artikolu 8

Il-korpi ta' intervent Finalndiżi u Żvediżi għandhom ixandru elettronikament lill-Kummissjoni l-offerti ppreżentati sa mhux aktar tard minn siegħa u nofs wara l-iskadenza għall-

[3] ĠU L 189, 29.7.2003, p. 12.
[4] ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1.

preżentazzjoni ta' kull ġimgħa ta' l-offerti, kif ipprovdut fl-avviż tas-sejħa, billi juża l-formola fl-Anness.

Fil-każ li ma jkunx hemm offerti, il-korpi ta' intervent Finlandiżi u Żvediżi għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan fl-istess żmien kif ipprovdut fl-ewwel inċiż.

Il-ħinijiet stipulati għall-preżentazzjoni ta' l-offerti huma skond il-ħin tal-Belġju.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Offerta ghar-rifuzjoni ghall-esportazzjoni tal-hafur mill-Finlandja u l-Izvezja lejn il-pajjizi terzi kollha, ghajr il-Bulgarija, in-Norvegja, ir-Rumanija u l-Izvizzera

Formola

Ir-Regolament (KE) Nru /2007

[**Limitu ta' zmien ghat-tressiq tal-offerti**]

1	2	3
Numru ta' min qed jippreżenta l-offerta	Kwantitajiet (tunnellati)	Ammont tar-rifużjoni għall-esportazzjoni (euro/tunnellata)
1 2 3 eċċ.		

* Biex tintbagħat lid-DĠ AGRI (D/2)